



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 6 ta' Frar 2023
(OR. en)

6086/23

**Fajl Interistituzzjonali:
2023/0022(NLE)**

**PI 10
AGRI 43**

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	6 ta' Frar 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 54 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1754 dwar l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mal-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Liżbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Oriġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 54 final.

Mehmuż: COM(2023) 54 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.2.2023
COM(2023) 54 final

2023/0022 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1754 dwar l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mal-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Liżbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Orìġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Il-Ftehim ta' Liżbona tal-1958 għall-Protezzjoni tad-Denominazzjonijiet tal-Oriġini u r-Reġistrazzjoni Internazzjonali tagħhom ħoloq unjoni speċjali ("l-Unjoni Speċjali") fi ħdan il-qafas tal-Unjoni għall-Protezzjoni tal-Proprietà Industrijali li ġiet stabbilita bil-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Proprietà Industrijali ffirmata f'Pariġi fl-20 ta' Marzu 1883 ("il-Konvenzjoni ta' Pariġi"). Il-partijiet kontraenti tiegħu huma obbligati li fit-territorji tagħhom jipproteġu d-denominazzjonijiet ta' oriġini ta' prodotti tal-partijiet kontraenti l-oħrajn rikonoxxuti u protetti bħala tali fil-pajjiż ta' oriġini u rreġistrati fil-Bureau Internazzjonali tal-WIPO, sakemm ma jiddikjarawx li huma ma jistgħux jiżguraw il-protezzjoni, fi żmien sena mit-talba għar-reġistrazzjoni.

Il-Ftehim ta' Liżbona ġie rieżaminat mill-2009 sal-2015. L-għan kien li (i) jiġi rfinut il-qafas attwali tiegħu; (ii) jiġi inklużi dispożizzjonijiet li jispeċifikaw li s-sistema ta' Liżbona tapplika wkoll għall-indikazzjonijiet ġeografiċi (IG); u (iii) jinkludi l-possibbiltà ta' adeżjoni minn organizzazzjonijiet intergovernattivi bħall-UE. Il-Konferenza Diplomatika tal-WIPO li saret f'Ġinevra mill-11 sal-21 ta' Mejju 2015. Il-konferenza adottat l-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Liżbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Oriġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi (minn hawn 'il quddiem "l-Att ta' Ġinevra") fl-20 ta' Mejju 2015.

Fis-27 ta' Lulju 2018, il-Kummissjoni għamlet proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mal-Att ta' Ġinevra (id-dokument COM(2018) 350 final), abbażi tal-Artikolu 207 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u l-Artikolu 218(6)(a) tat-TFUE. Fid-dawl tal-kompetenza esklużiva tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tan-negozjar ta' dak l-att, dik il-proposta pprevediet li l-Unjoni Ewropea waħedha taderixxi miegħu.

Fil-15 ta' Marzu 2019, il-Kunsill baġhat lill-Parlament Ewropew abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mal-Att ta' Ġinevra, li tawtorizza lill-Istati Membri kollha li xtaqu jagħmlu dan biex jaderixxu ma' dak l-att flimkien mal-Unjoni Ewropea. Fis-16 ta' April 2019, il-Parlament approva l-abbozz ta' deċiżjoni.

Peress li l-Kummissjoni ma appoġġatx dak l-abbozz, il-Kunsill adotta b'mod unanimu d-Deċiżjoni (UE) 2019/1754 fis-7 ta' Ottubru 2019, f'konformità mal-Artikolu 293(1) tat-TFUE.

L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni (UE) 2019/1754 jipprevedi:

"L-Istati Membri li jixtiequ jagħmlu dan, huma b'dan awtorizzati li jirratifikaw l-Att ta' Ġinevra jew jaderixxu miegħu, kif opportun, flimkien mal-Unjoni [Ewropea] u fl-interess tagħha, b'rispett sħiħ tal-kompetenza esklużiva tagħha."

L-Artikolu 4(1) tal-istess deċiżjoni jipprevedi:

"Fl-Unjoni Speċjali, l-Unjoni [Ewropea] u kwalunkwe Stat Membru li jirratifika jew jaderixxi mal-Att ta' Ġinevra skont l-Artikolu 3 ta' din id-Deċiżjoni għandu jkun irrappreżentat mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 17(1) tat-TUE. L-Unjoni [Ewropea] għandha tkun responsabbli li tiżgura l-eżerċitar tad-drittijiet u t-twettiq tal-obbligi tal-Unjoni [Ewropea] u tal-Istati

Membri li jirratifikaw jew jaderixxu mal-Att ta' Ġinevra skont l-Artikolu 3 ta' din id-Deċiżjoni. ”

F'dikjarazzjoni li ddaħħlet fil-minuti tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' dik id-deċiżjoni, il-Kummissjoni, minn naħa waħda, oġġezzjonat għall-possibbiltà li l-Istati Membri kollha tal-UE li jixtiequ jagħmlu dan ikunu awtorizzati jirratifikaw jew jaderixxu mal-Att ta' Ġinevra flimkien mal-Unjoni Ewropea, u, min-naħa l-oħra, hija ddikjarat li kienet tkun lesta li taqbel li s-seba' Stati Membri li kienu partijiet għall-Ftehim ta' Liżbona għal żmien twil u li kellhom drittijiet estensivi ta' proprjetà intellettuali rreġistrati skont dak il-ftehim setgħu jiġu awtorizzati li jaderixxu mal-Att ta' Ġinevra fl-interess tal-Unjoni Ewropea.

L-Unjoni Ewropea ddepożitat l-istrument ta' adeżjoni tagħha mal-Att ta' Ġinevra fis-26 ta' Novembru 2019, u b'hekk l-għadd ta' membri tela' għall-ħamsa meħtieġa għad-dħul fis-seħħ. L-Att ta' Ġinevra daħal fis-seħħ 3 xhur wara, fis-26 ta' Frar 2020.

Fis-17 ta' Jannar 2020, il-Kummissjoni ressqet azzjoni skont l-Artikolu 263 tat-TFUE li tftitex l-annullament parzjali tad-Deċiżjoni (UE) 2019/1754. Il-Kummissjoni kkontestat id-Deċiżjoni tal-Kunsill quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja għar-raġunijiet ewlenin li l-Kunsill kien kiser il-prinċipju tal-għoti tas-setgħat u d-dritt ta' inizjattiva tal-Kummissjoni. Filwaqt li l-Kummissjoni talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-Deċiżjoni (UE) 2019/1754 sal-punt li tawtorizza lill-Istati Membri kollha biex jaderixxu mal-Att ta' Ġinevra, hija talbet ukoll lill-Qorti biex iżżomm l-effetti tad-deċiżjoni għas-seba' Stati Membri li diġà kienu membri tal-Ftehim ta' Liżbona. Inkella, dawk l-Istati Membri jitilfu d-drittijiet ta' prijorità marbuta mad-Denominazzjonijiet ta' Orġini diġà rreġistrati f'isimhom skont il-Ftehim ta' Liżbona.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tat is-sentenza tagħha fit-22 ta' Novembru 2022. Il-Qorti essenzjalment segwiet l-argumenti mressqa mill-Kummissjoni u l-Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali tad-19 ta' Mejju 2022. Il-Qorti rrikonoxxiet b'mod partikolari, fis-sejbiet dwar is-sustanza, li huma meħtieġa l-preservazzjoni tal-anzjanità u l-kontinwità tal-protezzjoni tad-denominazzjonijiet ta' orġini rreġistrati skont il-Ftehim ta' Liżbona fis-seba' Stati Membri li diġà huma partijiet għal dak il-ftehim, b'mod partikolari, f'konformità mal-prinċipju tal-kooperazzjoni leali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri stabbilit fl-Artikolu 4(3) tat-TUE, sabiex jiġu protetti d-drittijiet miksuba derivati minn dawk ir-reġistrazzjonijiet nazzjonali.

Il-Qorti annullat l-Artikolu 3, u sal-punt li fih referenzi għall-Istati Membri, l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni (UE) 2019/1754 tas-7 ta' Ottubru 2019 dwar l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mal-Att ta' Ġinevra.

Il-Qorti ddikjarat li l-effetti tal-partijiet tad-Deċiżjoni (UE) 2019/1754 li ġew annullati għandhom jinżammu biss sa fejn ikunu relatati mal-Istati Membri li, fid-data tal-għoti tas-sentenza, diġà jkunu approfittaw ruħhom mill-awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 3 ta' dik id-deċiżjoni biex jirratifikaw jew jaderixxu mal-Att ta' Ġinevra, flimkien mal-Unjoni Ewropea, sad-dħul fis-seħħ, f'perjodu raġonevoli li ma għandux jaqbeż is-6 xhur minn dik id-data, ta' deċiżjoni ġdida tal-Kunsill.

Għalhekk, huwa meħtieġ li, fi żmien 6 xhur, jiġu adottati emendi għad-Deċiżjoni (UE) 2019/1754 sabiex l-Istati Membri li huma membri tal-Ftehim ta' Liżbona jkunu wkoll membri tal-Att ta' Ġinevra, biex jiġi żgurat li dawn ikunu jistgħu jippreżervaw id-drittijiet ta' prijorità marbuta mad-Denominazzjonijiet ta' Orġini diġà rreġistrati f'isimhom skont il-Ftehim ta' Liżbona.

Din il-proposta tistabbilixxi dawn l-emendi ssuġġeriti.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Rigward il-prodotti agrikoli, l-UE stabbiliet sistemi ta' protezzjoni IĠ uniformi u eżawrjenti għall-inbejjed (1970), l-ispirti (1989), l-inbejjed aromatizzati (1991) u prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel oħra (1992). Permezz ta' dawn is-sistemi, l-ismijiet protetti għall-prodotti koperti jgawdu minn protezzjoni mifruxa madwar l-UE, abbażi ta' proċess wieħed għall-applikazzjoni. Id-dispożizzjonijiet ewlenin għall-inbid bħalissa huma stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tas-17 ta' Diċembru 2013, għax-xorb spirituw fir-Regolament (UE) 2019/787 tas-17 ta' April 2019, u għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel u l-inbejjed aromatizzati fir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-21 ta' Novembru 2012.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-proposta hija konsistenti mal-politika ġenerali tal-UE li tippromwovi u ssaħħaħ il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi permezz ta' ftehimiet bilaterali, reġjonali u multilaterali.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Meta jitqies is-suġġett tat-Trattat, id-Deċiżjoni tal-Kunsill għandha tkun ibbażata fuq l-Artikoli 207 u 218(6)(a)(v) tat-TFUE.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Skont l-Artikolu 5(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax għall-oqsma ta' kompetenza esklużiva tal-UE.

- **Proporzjonalità**

L-emendi ssuġġeriti huma meħtieġa biex jiġu ppreżervati l-anzjanità u l-kontinwità tal-protezzjoni tad-denominazzjonijiet ta' oriġini rreġistrati skont il-Ftehim ta' Liżbona fis-seba' Stati Membri li diġà huma partijiet għal dak il-ftehim, f'konformità mal-prinċipju tal-kooperazzjoni leali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri stabbilit fl-Artikolu 4(3) tat-TUE, sabiex jiġu protetti d-drittijiet miksuba derivati minn dawk ir-reġistrazzjonijiet nazzjonali.

- **Għażla tal-istrument**

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-emenda tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1754 hija l-istrument legali xieraq, filwaqt li jiġi kkunsidrat l-Artikolu 28 (Adeżjoni ma' Dan l-Att) tal-Att ta' Ġinevra. Meta jitqies is-suġġett tat-Trattat, l-emenda tad-Deċiżjoni tal-Kunsill għandha tkun ibbażata fuq l-Artikoli 207 u 218(6) tat-TFUE.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġislazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-Pjan direzzjonali dwar l-adeżjoni tal-UE mal-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Liżbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Oriġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi ġie ppubblikat fil-21 ta' Diċembru 2017 bi skadenza sat-18 ta' Jannar 2018 għall-kummenti tal-partijiet ikkonċernati. Daħlu tmien kummenti.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Mhux applikabbli.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-Linji Gwida dwar ir-Regolamentazzjoni Aħjar jiċċaraw li valutazzjoni tal-impatt għandha ssir biss meta tkun utli, u dan għandu jiġi vvalutat abbażi ta' każ b'każ. Fil-prinċipju, meta ftit li xejn ikun hemm għażla disponibbli għall-Kummissjoni, ma hija meħtieġa l-ebda valutazzjoni tal-impatt. Dan huwa l-każ hawnhekk, peress li s-sentenza tal-Qorti tat-22 ta' Novembru 2022 teħtieġ azzjoni rapida biex tiġi adottata Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1754 li tissalvagwardja d-drittijiet tal-Istati Membri kkonċernati.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli.

- **Drittijiet fundamentali**

L-adeżjoni tal-Unjoni mal-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Liżbona se tikkontribwixxi għat-twettiq tal-Artikolu 17(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li jipprevedi li l-proprietà intellettuali għandha tkun protetta.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Mhux applikabbli.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Mhux applikabbli.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbli.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**
Mhux applikabbli.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1754 dwar l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mal-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Liżbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Oriġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207 flimkien mal-Artikolu 218(6), il-punt (a) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Liżbona tal-31 ta' Ottubru 1958 għall-Protezzjoni tad-Denominazzjonijiet tal-Oriġini u r-Reġistrazzjoni Internazzjonali tagħhom ("it-Trattat ta' Liżbona") huwa trattat amministrat mill-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprietà Intellettuali (WIPO). Il-Ftehim ta' Liżbona jgħodq unjoni speċjali ("l-Unjoni Speċjali") fil-qafas tal-Unjoni għall-Protezzjoni tal-Proprietà Industrijali. Din hija miftuħa għall-partijiet tal-Konvenzjoni ta' Pariġi għall-Protezzjoni tal-Proprietà Industrijali. Il-partijiet kontraenti tiegħu huma obbligati li fit-territorji tagħhom jipproteġu d-denominazzjonijiet ta' oriġini ta' prodotti tal-partijiet kontraenti l-oħrajn rikonossuti u protetti bħala tali fil-pajjiż ta' oriġini u rreġistrati fil-Bureau Internazzjonali tal-WIPO, sakemm ma jiddikjarawx li huma ma jistgħux jiżguraw il-protezzjoni, fi żmien sena mit-talba għar-reġistrazzjoni.
- (2) Seba' Stati Membri huma partijiet għall-Ftehim ta' Liżbona, jiġifieri l-Bulgarija, iċ-Ċekja, Franza, l-Italja, l-Ungerija, il-Portugall u s-Slovakkja. L-Unjoni nnifisha ma hijiex parti għall-Ftehim ta' Liżbona peress li pajjiżi biss jistgħu jaderixxu ma' dan il-Ftehim.
- (3) Wara rieżami tal-Ftehim ta' Liżbona, il-Konferenza Diplomatika tal-WIPO adottat l-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Liżbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Oriġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi ("l-Att ta' Ġinevra") fl-20 ta' Mejju 2015. L-Att ta' Ġinevra jestendi l-protezzjoni tad-denominazzjonijiet ta' oriġini għall-indikazzjonijiet ġeografiċi kollha u jippermetti lill-organizzazzjonijiet intergovernattivi jsiru partijiet kontraenti għalih.
- (4) Bis-sentenza tagħha tal-25 ta' Ottubru 2017¹, il-Qorti ddeċidiet li n-negozjar tal-Att ta' Ġinevra jaqa' taħt il-kompetenza esklużiva mogħtija lill-Unjoni Ewropea mill-Artikolu 3(1) tat-TFUE fil-qasam tal-politika kummerċjali komuni msemija fl-Artikolu 207(1) tat-TFUE.

¹ Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-25 ta' Ottubru 2017, *Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (Reviżjoni tal-Ftehim ta' Liżbona)*, C-389/15, EU:C:2017:798.

- (5) Fis-27 ta' Lulju 2018, il-Kummissjoni għamlet proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mal-Att ta' Ġinevra², abbażi tal-Artikoli 207 u 218(6), il-punt (a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Fid-dawl tal-kompetenza esklużiva tal-Unjoni fir-rigward tan-negozjar ta' dak l-att, dik il-proposta pprevediet li l-Unjoni waħedha taderixxi miegħu.
- (6) Fis-7 ta' Ottubru 2019, il-Kunsill adotta b'mod unanimu d-Deċiżjoni (UE) 2019/1754³ dwar l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mal-Att ta' Ġinevra f'konformità mal-Artikolu 293(1) tat-TFUE. L-Artikolu 3 ta' dik id-Deċiżjoni jipprevedi li l-Istati Membri li jixtiequ jagħmlu dan huma awtorizzati jirratifikaw l-Att ta' Ġinevra, jew jaderixxu miegħu, flimkien mal-Unjoni. L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni jipprevedi li, fl-Unjoni Speċjali, l-Unjoni u kwalunkwe Stat Membru li jirratifika l-Att ta' Ġinevra jew jaderixxi miegħu huma rrappreżentati mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 17(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). L-Artikolu 4 jipprevedi wkoll li l-Unjoni hija responsabbli biex tiżgura l-eżerċitar tad-drittijiet u t-twetliq tal-obbligi tal-Unjoni u tal-Istati Membri li jirratifikaw l-Att ta' Ġinevra jew jaderixxu miegħu.
- (7) F'dikjarazzjoni li ddaħħlet fil-minuti tal-Kunsill relatati mal-adozzjoni tad-Deċiżjoni (UE) 2019/1754, il-Kummissjoni oġġezzjonat għall-possibbiltà li l-Istati Membri kollha jkun awtorizzati jirratifikaw l-Att ta' Ġinevra jew jaderixxu miegħu, flimkien mal-Unjoni. Madankollu, il-Kummissjoni ddikjarat ukoll li kienet lesta li taqbel li s-seba' Stati Membri li huma partijiet għall-Ftehim ta' Liżbona, u li għandhom drittijiet estensivi ta' proprjetà intellettuali rreġistrati skont dak il-ftehim, setgħu jiġu awtorizzati jaderixxu mal-Att ta' Ġinevra fl-interess tal-Unjoni.
- (8) L-Att ta' Ġinevra daħal fis-seħħ fis-26 ta' Frar 2020, 3 xhur wara li l-Unjoni ddepożitat l-istrument ta' adeżjoni tagħha, u b'hekk l-għadd ta' membri tela' għall-ħamsa meħtieġa.
- (9) Fis-17 ta' Jannar 2020, il-Kummissjoni ressqet azzjoni skont l-Artikolu 263 tat-TFUE li tfittex l-annullament parzjali tad-Deċiżjoni (UE) 2019/1754. Il-Kummissjoni kkontestat dik id-Deċiżjoni quddiem il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja għar-raġunijiet ewlenin li l-Kunsill kiser il-prinċipju tal-għoti tas-setgħat u d-dritt ta' inizzjattiva tal-Kummissjoni, u fl-alternattiva għal raġunijiet ta' ksur tal-Artikolu 2(1) u l-Artikolu 207 tat-TFUE u d-dmir li jiġu ddikjarati r-raġunijiet.
- (10) Filwaqt li l-Kummissjoni talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja biex tannulla d-Deċiżjoni (UE) 2019/1754, sal-punt li tawtorizza lill-Istati Membri kollha jaderixxu mal-Att ta' Ġinevra, hija talbet ukoll lill-Qorti biex iżżomm l-effetti tad-deċiżjoni għas-seba' Stati Membri li diġà huma membri tal-Ftehim ta' Liżbona. Ikun kontra l-interess tal-Unjoni li kieku jintilfu d-drittijiet ta' prijorità marbuta mad-denominazzjonijiet ta' orijini diġà rreġistrati minn dawn l-Istati Membri skont il-Ftehim ta' Liżbona.
- (11) Il-Qorti tal-Ġustizzja tat is-sentenza tagħha fit-22 ta' Novembru 2022⁴. Il-Qorti annullat l-Artikolu 3, u sal-punt li fih referenzi għall-Istati Membri, l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni (UE) 2019/1754.

² COM(2018) 350 final

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2019/1754 tas-7 ta' Ottubru 2019 dwar l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mal-Att ta' Ġinevra (ĠU L 271, 24.10. 2019, p. 12).

⁴ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-22 ta' Novembru 2022, *Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill*, C-24/20, ECLI:EU:C:2022:911.

- (12) Madankollu, is-sentenza tal-Qorti tirrikonoxxi wkoll il-ħtieġa li jiġu ppreżervati l-anzjanità u l-kontinwità tal-protezzjoni tad-denominazzjonijiet ta' oriġini rreġistrati skont il-Ftehim ta' Liżbona fis-seba' Stati Membri li diġà huma partijiet għal dak il-ftehim. Għalhekk, il-Qorti ddikjarat li jenħtieġ li l-effetti tal-partijiet annullati tad-Deċiżjoni 2019/1754 jinżammu għall-Istati Membri li diġà għamlu użu mill-awtorizzazzjoni biex jirratifikaw l-Att ta' Ġinevra jew jaderixxu miegħu sad-dħul fis-seħħ, f'perjodu raġonevoli ta' mhux aktar minn 6 xhur, ta' Deċiżjoni ġdida tal-Kunsill.
- (13) Fid-dawl tal-kompetenza esklużiva tal-Unjoni u l-possibbiltà li l-Unjoni taderixxi mal-Att ta' Ġinevra, huwa biss f'ċirkostanzi strettament ġustifikati u eċċezzjonali li l-Istati Membri jistgħu jiġu awtorizzati, sakemm din il-parteċipazzjoni tkun iġġustifikata kif xieraq, fl-interess tal-Unjoni, biex jaderixxu, flimkien mal-Unjoni, u din l-adeżjoni trid tibqa' funzjonalment limitata.
- (14) L-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2019/1753⁵ jipprevedi dispożizzjonijiet tranżitorji għad-denominazzjonijiet ta' oriġini li joriġinaw mill-Istati Membri diġà rreġistrati skont il-Ftehim ta' Liżbona. Abbażi ta' daww id-dispożizzjonijiet, is-seba' Stati Membri li huma partijiet għall-Ftehim ta' Liżbona nnotifikaw lill-Kummissjoni, sal-14 ta' Novembru 2022, bl-għażla tagħhom li jitolbu r-reġistrazzjoni internazzjonali skont l-Att ta' Ġinevra tad-denominazzjonijiet ta' oriġini diġà rreġistrati skont il-Ftehim ta' Liżbona.
- (15) Għalhekk, huwa xieraq li tiġi emendata d-Deċiżjoni (UE) 2019/1754 sabiex is-seba' Stati Membri li kienu membri tal-Ftehim ta' Liżbona qabel l-Att ta' Ġinevra jiġu awtorizzati, b'rispett sħiħ tal-kompetenza esklużiva tal-Unjoni, li jirratifikaw ukoll l-Att ta' Ġinevra jew jaderixxu miegħu, sa fejn huwa strettament meħtieġ biex jiġu ppreżervati, fl-interess tal-Unjoni, id-drittijiet ta' prijorità marbuta mad-denominazzjonijiet ta' oriġini diġà rreġistrati minn dawn l-Istati Membri skont il-Ftehim ta' Liżbona.
- (16) Jenħtieġ għalhekk li d-Deċiżjoni (UE) 2019/1754 tiġi emendata skont dan,
- ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Emendi għad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1754

Id-Deċiżjoni (UE) 2019/1754 hija emendata kif ġej:

- (1) L-Artikolu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Stati Membri li kienu partijiet għall-Ftehim ta' Liżbona fis-26 ta' Frar 2020⁶ huma b'dan awtorizzati, b'rispett sħiħ tal-kompetenza esklużiva tal-Unjoni, li jirratifikaw l-Att ta' Ġinevra jew li jaderixxu miegħu, flimkien mal-Unjoni, sa fejn din l-adeżjoni hija strettament meħtieġa biex tippreżerva, fl-interess tal-Unjoni, id-drittijiet ta' prijorità marbuta mad-denominazzjonijiet ta' oriġini diġà rreġistrati qabel minn dawn

⁵ Ir-Regolament (UE) 2019/1753 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar l-azzjoni tal-Unjoni wara l-adeżjoni tagħha mal-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Liżbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Oriġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi (ĠU L 271, 24.10. 2019, p. 1).

⁶ Il-Bulgarija, iċ-Ċekja, Franza, l-Italja, l-Ungerija, il-Portugall u s-Slovakkja.

l-Istati Membri skont il-Ftehim ta' Liżbona, u li jikkonformaw mal-obbligi previsti fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2019/1753.”;

(2) fl-Artikolu 4(1), l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Fl-Unjoni Speċjali, l-Unjoni u dawk l-Istati Membri li rratifikaw l-Att ta' Ġinevra jew aderixxew miegħu skont l-Artikolu 3 ta' din id-Deċiżjoni għandhom ikunu rrappreżentati mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 17(1) tat-TUE. L-Unjoni għandha tkun responsabbli li tiżgura l-eżerċizzju tad-drittijiet u l-issodisfar tal-obbligi tal-Unjoni skont l-Artikolu 3 ta' din id-Deċiżjoni.”.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*